



Coimisiún
na Meán

Kodiçi tas-Servizzi tal-Media u r- Regoli dwar is- Servizzi tal-Media

Fornituri ta' Servizzi tal- Media Awdjoviżivi Fuq Talba

Data tal-pubblikazzjoni: Novembru 2024

Kontenut

1. Introduzzjoni	3
2. Kamp ta' Applikazzjoni u Ġuriżdizzjoni	3
3. Għan, Preparazzjoni u Applikazzjoni tal-Kodiċi u r-Regoli	5
Għan	5
Tħejjija tal-Kodiċi u r-Regoli	5
4. Prinċipji Regulatorji Rilevanti għall-Kodiċi u r-Regoli	5
Għanijiet u Funzjonijiet Statutorji Ġenerali	6
Għanijiet Statutorji Speċifiċi	7
5 Separabbiltà	7
6 Rinunzja	7
7 Konformità u Infurzar	8
8 Ilmenti u Tagħrif	8
9 Gwida	9
10 Definizzjonijiet - Il-Kodiċi tas-Servizzi tal-Media u r-Regoli dwar is-Servizzi tal-Media	9
Dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tas-Servizzi tal-Media	12
11 Kontenut ta' Ħsara	12
12 Drittijiet għal Xogħlijiet Ċinematografiċi	13
13 Komunikazzjonijiet Kummerċjali Awdjoviżivi:	13
14 Sponsorizzazzjoni	15
15 Inklużjoni ta' Prodott	16
Dispożizzjonijiet tar-Regoli dwar is-Servizzi tal-Media	18
16 Aċċessibbiltà ta' servizzi awdjoviżivi fuq talba	18
Gwida	21
Fatturi ta' Influenza	21



1. Introduzzjoni

- 1.1 Skont it-Taqsima 46N(1) u t-Taqsima 46O(1) u (5) tal-Att dwar ix-Xandir tal-2009, kif emendat mill-Att tal-2022 dwar ir-Regolament dwar is-Sikurezza u l-Media Online (l-**“Att”**) Coimisiún na Meán (il-**“Kummissjoni”**) jistgħu jagħmlu kodiċijiet u regoli (**“kodiċijiet tas-servizzi tal-media” u “regoli dwar is-servizzi tal-media”**) li jirregolaw l-istandards u l-prattiki tax-xandara u l-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba.
- 1.2 Skont it-Taqsima 46N(5) tal-Att, il-Kummissjoni għandha tagħmel kodiċijiet tas-servizzi tal-media li jipprovdu għall-kwistjonijiet meħtieġa li jsir provvediment għalihom mill-Artikoli 5, 6 (1), 6a(1) sa (3), 7b, 8, 9, 10 u 11 tad-Direttiva (UE) 2010/13 (kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808) (id-**“Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva”**) (ħlief sa fejn issir dispożizzjoni permezz ta' regoli dwar is-servizzi tal-media).
- 1.3 Skont it-Taqsima 46O(9) tal-Att, ir-regoli dwar is-servizzi tal-media għandhom jipprovdu għall-kwistjonijiet meħtieġa li jsir provvediment għalihom mill-Artikoli 6(1), 6a(1), 7, 7b, 8, 10, 9, 11, il-Kapitolu VI u l-Artikoli 23(2), 24 u 25 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ħlief sa fejn issir dispożizzjoni permezz ta' kodiċijiet tas-servizzi tal-media).
- 1.4 F'konformità mad-dmirijiet u l-obbligi statutorji tagħha stabbiliti hawn fuq, il-Kummissjoni ħejjiet dan il-kodiċi tas-servizzi tal-media (il-**“Kodiċi”**) u dawn ir-regoli dwar is-servizzi tal-media (ir-**“Regoli”**).¹ Il-Kodiċi u r-Regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fil-5 ta' Novembru 2024.

2. Kamp ta' Applikazzjoni u Ġurisdizzjoni

- 2.1 Il-Kodiċi u r-Regoli jagħtu effett lill-Artikoli 5, 6(1), 6a(1) sa (3), 7, 8, 9, 10, u 11 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva fl-Irlanda, sa fejn dawn jirrigwardaw servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba.
- 2.2 Il-Kodiċi u r-Regoli japplikaw, għaldaqstant, għall-fornituri ta' servizzi tal-media li jipprovdu servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba.
- 2.3 Il-Kodiċi u r-Regoli japplikaw biss għall-fornituri ta' servizzi tal-media li jipprovdu servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba li huma taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat skont it-tifsira tat-Taqsima 2A tal-Att.

¹ Il-Coimisiún na Meán tirrikonoxxi r-rwol tal-Grupp ta' Servizzi Awdjoviżivi Fuq Talba (**“ODAS”**) u l-Kodiċi ta' Kondotta tagħhom fil-għoti ta' qafas regolatorju għall-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba qabel l-introduzzjoni tal-Kodiċi u r-Regoli. Wara l-pubblikazzjoni tal-Kodiċi u r-Regoli, il-bażi statutorja għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-ODAS se tiġi revokata permezz ta' Strument Statutorju. Il-Coimisiún na Meán se tkompli l-impenn kontinwu tagħha mal-membri tal-grupp ODAS bħala parti mill-impenn regolatorju tagħha mas-settur usa' ta' servizzi fuq talba.



3. Għan, Preparazzjoni u Applikazzjoni tal-Kodiċi u r-Regoli

Għan

- 3.1 L-għan tal-Kodiċi u r-Regoli huwa li jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi tal-media li jipprovdu servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba li huma taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 5, 6(1), 6a(1) sa (3), 7, 8, 9, 10, u 11 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

Tħejjija tal-Kodiċi u r-Regoli

- 3.2 Skont it-Taqsima 46N (6) tal-Att, il-Kummissjoni qieset il-kwistjonijiet li ġejjin meta kienet qed tħejji l-Kodiċi: -
- il-grad ta' ħsara jew reat li x'aktarx jiġi kkawżat bl-inklużjoni ta' kwistjoni partikolari fil-materjal tal-programm.
 - id-daqs u l-kompożizzjoni probabbli tal-udjenza potenzjali għall-materjal tal-programm.
 - l-aspettattiva probabbli tal-udjenza dwar in-natura tal-materjal tal-programm, u sa fejn in-natura tal-materjal tal-programm tista' tinġieb għall-attenzjoni tal-membri potenzjali tal-udjenza.
 - il-probabbiltà li persuni li ma jkunux jafu bin-natura tal-materjal tal-programm ikunu esposti għalih b'mod mhux intenzjonat minħabba l-azzjonijiet tagħhom stess.
 - ix-xewqa li jiġi żgurat li l-fornitur ta' servizz tax-xandir jew servizz tal-media awdjoviżiva fuq talba jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa n-natura tas-servizz u, b'mod partikolari, bi kwalunkwe bidla rilevanti għall-applikazzjoni tal-kodiċijiet tas-servizzi tal-media.
 - ix-xewqa li tinżamm l-indipendenza tal-kontroll editorjali fuq il-programmi.
- 3.3 Il-Kodiċi u r-Regoli tħejjew skont il-proċeduri previsti fl-Artikolu 46Q tal-Att.

4. Prinċipji Regulatorji Rilevanti għall-Kodiċi u r-Regoli

- 4.1 Fl-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-Kodiċi u r-Regoli, il-Kummissjoni għandha, skont id-dmirijiet tagħha ta' dritt pubbliku, taġixxi b'mod legali, razzjonali u ġust.
- 4.2 B'mod aktar partikolari, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont:



- l-għanijiet u l-funzjonijiet statutorji ġenerali tagħha skont l-Att;
- l-oġġettivi statutorji speċifiċi li jirfdu l-Kodiċi u r-Regoli.
- id-drittijiet mogħtija mill-Kostituzzjoni, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sa fejn applikabbli skont l-Att tal-2003 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Trattati tal-UE.

4.3 FI-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha tal-Kodiċi u r-Regoli, il-Kummissjoni se tqis kif xieraq:

- ir-ratifika mill-Istat tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, b'mod partikolari l-Artikoli 9 (Aċċessibbiltà), l-Artikolu 21 (Libertà ta' espressjoni), u l-Artikolu 30 (Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport).
- id-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà u S.I. Nru 636/2023 – Regolamenti tal-Unjoni Ewropea (Rekwiżiti ta' Aċċessibbiltà tal-Prodotti u s-Servizzi) tal-2023 (skedati biex jibdew joperaw fit-28 ta' Ġunju 2025).

Għanijiet u Funzjonijiet Statutorji Ġenerali

4.4 It-Taqsima 7(2) tal-Att tipprevedi li, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħmel hiliha sabiex tiżgura li l-valuri demokratiċi stabbiliti fil-Kostituzzjoni, speċjalment dawk relatati mal-libertà leġittima tal-espressjoni, jiġu rispettati, u li l-interessi tal-pubbliku, inklużi l-interessi tat-tfal, jiġu protetti, b'impenn partikolari għas-sikurezza tat-tfal. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hiliha wkoll biex tiżgura li l-politiki tal-Kummissjoni fir-rigward tas-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba jaqdu bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tan-nies tal-gżira tal-Irlanda fir-rigward tal-persuni b'diżabilità, u r-rekwiżiti tagħhom għall-aċċessibbiltà għal dawk is-servizzi.

4.5 Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tagħmel hiliha biex tiżgura li l-arranġamenti regolatorji tagħha (i) jindirizzaw il-materjal tal-programm u kontenut ieħor li jkun ta' ħsara jew illegali; (ii) iqisu l-bidla teknoloġika u soċjetali; u (iii) joperaw b'mod proporzjonat, konsistenti u ġust.

4.6 L-Artikolu 7 (3) tal-Att jipprovdi li, barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, inter alia:

- tistimula l-forniment ta' programmi ta' kwalità għolja, diversi u innovattivi minn fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba.
- tippromwovi u tinkoraġixxi s-sostenibbiltà ambjentali fil-politiki u l-prattiki tal-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba
- tinvolvi ruħha fi proċessi deċiżjonali bbażati fuq l-evidenza fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, u tippromwovi proċessi deċiżjonali bbażati fuq l-evidenza minn dawk li tikkonsulta magħhom.



- tinkoraġġixxi l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att, u d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe kodiċi, regola jew strument statutorju ieħor magħmul taħtu, bi kwalunkwe mod li l-Kummissjoni tqis xieraq, inkluż bil-pubblikazzjoni ta' gwida dwar kif dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu rrispettati.

- 4.7 Skont it-Taqsima 7(4) tal-Att, fit-tweqqif tal-funzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis: is-sikurezza tat-tfal, u l-politiki ppubblikati tal-Ministru għat-Tfal, l-Ugwaljanza, id-Diżabilità, l-Integrazzjoni u ż-Żgħażaġħ fir-rigward ta' dik il-kwistjoni; ir-regolamentazzjoni tal-logħob tal-azzard, u l-politiki ppubblikati tal-Ministru tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dik il-kwistjoni; it-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà ambjentali, u l-politiki ppubblikati tal-Ministru għall-Ambjent, il-Klima u l-Komunikazzjoni fir-rigward ta' dik il-kwistjoni; u politiki ppubblikati tal-Gvern fir-rigward ta' kwalunkwe waħda minn dawk il-kwistjonijiet.

Għanijiet Statutorji Speċifiċi

- 4.8 Skont it-Taqsima 46N(5) u t-Taqsima 46O(9) tal-Att huwa l-oġettiv tal-Kodiċi u r-Regoli li jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-media li jipprovdu servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u li huma taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 5, 6(1), 6a(1) sa (3), 7, 8, 9, 10 u 11 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

5 Separabbiltà

- 5.1 Jekk jinstab li kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi u r-Regoli hija illegali, invalida, ipprojbita, mhux infurzabbli jew inapplikabbli (jew b'mod ġenerali jew fir-rigward ta' fornitur(i) partikolari tas-servizzi tal-media) fi kwalunkwe aspett, abbażi ta' kwalunkwe liġi (inklużi l-Kostituzzjoni u d-dritt tal-Unjoni), tali sejba ma għandhiex taffettwa l-legalità, il-validità, l-infurzabbiltà jew l-applikabbiltà ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi u r-Regoli jew parti minnhom, sakemm is-sejba ma tiġix iddikjarata applikabbli għal tali dispożizzjoni oħra jew parti minnha, jew l-istess tkun is-suġġett tal-eżenzjoni mogħtija minn qorti.
- 5.2 Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha u/jew partijiet tal-Kodiċi u r-Regoli għandhom jibqgħu kompletament effettivi, applikabbli u infurzabbli. Sa fejn ikun meħtieġ, kwalunkwe dispożizzjoni jew parti mill-Kodiċi u r-Regoli, li jinstabu li huma illegali, invalidi, ipprojbiti, mhux infurzabbli jew inapplikabbli, għandhom jiġu sseparati mill-Kodiċi u r-Regoli.

6 Rinunzja

- 6.1 Il-fatt li l-Kummissjoni ma tweġibx jew ma tikkummenta dwar l-ebda sottomissjoni, valutazzjoni, proposta, rapport, dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà jew kwalunkwe dokument analoġu ppreżentat lilha minn fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba, inkluż fir-reġistru tal-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba maħluq mill-Kummissjoni f'konformità mal-Att, ma għandux jittqies bħala aċċettazzjoni jew approvazzjoni tal-kontenut ta' kwalunkwe parti tal-istess u ma għandux jimplika li l-



fornitur ta' servizzi tal-media kkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Att u/jew il-Kodiċi u r-Regoli.

- 6.2 Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, il-fatt li l-Kummissjoni ma tweġibx jew ma tikkummentax dwar kwalunkwe dokument bħal dan ma għandux joħloq estoppel kontra, jew jikkostitwixxi rinunzja mill-Kummissjoni ta' kwalunkwe setgħa jew dritt tagħha skont l-Att u/jew il-Kodiċi u r-Regoli.

7 Konformità u Infurzar

- 7.1 Skont it-Taqsimiet 46N(10) u 46O(11) tal-Att, nuqqas minn fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva li jikkonforma mal-Kodiċi jew mar-Regoli għandu jkun ksur għall-finijiet tal-Parti 8B tal-Att.
- 7.2 Fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva għandu jiżgura li jkollu fis-seħħ sistemi u kontrolli biex juri l-konformità mal-obbligi li jinsabu fil-Kodiċi u r-Regoli.
- 7.3 Skont it-Taqsima 47(3) tal-Att, il-fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu servizz tal-media awdjoviżiva fuq talba huma meħtieġa jħejju u jimplimentaw kodiċi ta' Prattika għat-trattament tal-ilmenti relatati man-nuqqas tal-fornitur tas-servizzi tal-media li jikkonforma ma' kodiċi tas-servizz tal-media jew regoli dwar is-servizzi tal-media.

8 Ilmenti u Tagħrif

- 8.1 Persuna tista' tressaq ilment jekk temmen li l-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba ma jkunx ikkonforma ma' dan il-Kodiċi u r-Regoli.

F'dan ir-rigward u wara li kkunsidrat l-obbligu skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva għal kull Membru tal-Unjoni Ewropea li jaħtar punt ta' kuntatt online uniku, faċilment aċċessibbli, inkluż minn persuni b'diżabilità, u disponibbli għall-pubbliku biex jipprovdi informazzjoni u jirċievi lmenti dwar kwalunkwe kwistjoni ta' aċċessibbiltà, il-Kummissjoni stabbiliet Ċentru ta' Kuntatt biex jittratta mistoqsijiet, u jirċievi lmenti dwar kwalunkwe kwistjoni ta' aċċessibbiltà.

L-informazzjoni dwar il-proċess tat-trattament tal-ilmenti hija disponibbli fuq is-sit web tagħna (www.cnam.ie) jew tista' tikkuntattja liċ-Ċentru ta' Kuntatt tal-Coimisiún na Meán fuq + 353 1 963 7755 jew fuq usersupport@cnam.ie.

- 8.2 Il-Kummissjoni tagħti parir lill-ilmentaturi biex iressqu l-ilment tagħhom lill-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba fl-ewwel istanza peress li dan huwa l-aktar mod rapidu biex ilment jitqies u jitwieġeb.²

² Fil-każ ta' komunikazzjonijiet kummerċjali, proċess ta' lmenti mhux statutorju huwa operat mill-Awtorità tal-Istandards tar-



9 Gwida

- 9.1 Il-Kummissjoni tista' ttiprovdi gwida ġenerali mhux vinkolanti dwar id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u r-Regoli fuq talba jew kif u meta jitqies meħtieġ. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tippubblika u temenda l-gwida minn żmien għal żmien kif jidhrilha xieraq.
- 9.2 It-talbiet għal gwida jridu jinkludu l-materjal rilevanti marbut mat-talba għal gwida. It-talba għandha tiddikjara b'mod ċar it-taqsimiet tal-Kodiċi u r-Regoli, li min jagħmel it-talba jemmen li huma rilevanti, u tistabbilixxi l-mistoqsija speċifika li min jagħmel it-talba jixtieq li jkollu opinjoni dwarha.
- 9.3 Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe deċiżjoni (jew konsegwenzi li jirriżultaw minnha) meħuda wara li tiġi rċevuta gwida mhux vinkolanti mill-Kummissjoni.

10 Defnizzjonijiet - Il-Kodiċi tas-Servizzi tal-Media u r-Regoli dwar is-Servizzi tal-Media

“servizzi ta' aċċess” tfisser is-sottotitolari, il-kitba, il-lingwa tas-sinjali (inkluża l-Lingwa tas-Sinjali Irlandiża fil-każ ta' servizzi mmirati lejn udjenzi Irlandiżi) u deskrizzjoni bl-awdjо kif definit f'dawn il-Kodiċi u r-Regoli.

“deskrizzjoni awdjo” tfisser kummentarju li jagħti lill-udjenzi b'vista batuta deskrizzjoni verbali ta' x'qed jiġri fuq l-iskrin fi kwalunkwe mument partikolari. Huwa pprovdut bħala għajnuna għall-fehim u t-tgawdija tal-programm. It-teknika tuża tieni track tal-awdjo li jagħti deskrizzjoni tal-kontenut tal-programm u l-azzjoni fuq l-iskrin.

“komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva” tfisser komunikazzjoni kummerċjali li tikkonsisti minn immaġnijiet bil-ħoss jew mingħajru li huma ddisinjati sabiex jippromwovu, direttament jew indirettament, l-oġġetti, is-servizzi jew l-immaġni ta' persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed twettaq attività ekonomika; tali immaġnijiet jakkumpanjaw, jew huma inklużi fi, programm jew vidjo ġġenerat mill-utenti bi f'fals jew għal f'fals simili jew għal finijiet ta' promozzjoni personali. Forom ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva jinkludu, fost l-oħrajn, reklamar televiżiv, sponsorizzazzjoni, telebejgħ u tqegħid ta' prodotti.

“servizz tal-media awdjoviżiva” tfisser:

- (a) servizz, skont it-tifsira tal-Artikoli 56 u 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn -
 - (i) l-għan prinċipali tas-servizz ikun iddedikat għal, jew

Reklamar (ASA). L-ASA tivvaluta l-ilmenti skont il-Kodiċi ta' Standards għar-Reklamar u l-Komunikazzjonijiet ta' Kummerċjalizzazzjoni fl-Irlanda – ara <https://adstandards.ie> għal aktar informazzjoni. Proċessi simili tal-ilmenti huma operati fi Stati Membri Ewropej oħra minn membri oħra tal-Alleanza Ewropea għall-Istandards tar-Reklamar (ara <https://www.easa-alliance.org/>).



- (ii) l-għan prinċipali ta' taqsima separabbli tas-servizz tkun iddedikata għal, il-forniment ta' programmi awdjoviżivi, permezz ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, lill-pubbliku ġenerali, taħt ir-responsabbiltà editorjali tal-fornitur tas-servizz, sabiex jinforma, jipprovidi divertiment jew jeduka, jew
- (b) komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva.

“servizz tal-media awdjoviżiva fuq talba (servizz fuq talba)” tfisser servizz tal-media awdjoviżiva pprovdut minn fornitur ta' servizzi tal-media għall-wiri ta' programmi filmument magħżul mill-utent u fuq talba individwali tiegħu abbażi ta' katalogu ta' programmi magħżul mill-fornitur tas-servizzi tal-media.

“didaskaliya” tfisser test fuq l-iskrin li jirrappreżenta dak li qed jingħad fuq l-iskrin. Madankollu, filwaqt li huwa simili għas-sottotitolar, dan mhuwiex sofistikata u jinvolvi rappreżentazzjoni aktar bażika ta' dak li qed jingħad fuq l-iskrin, xi drabi jkollu biss kulur wieħed, verbatim u jista' jkollu t-test b'ittri kapitali biss.

“tifel/tifla jew tfal” tfisser persuna jew persuni taħt l-età ta' 18-il sena.

“responsabbiltà editorjali” tfisser l-eżerċizzju ta' kontroll effettiv kemm fuq l-għażla tal-programmi kif ukoll fuq l-organizzazzjoni tagħhom jew fi skeda kronoloġika, fil-każ ta' xandiriet televiżivi, jew f'katalogu, fil-każ ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba. Ir-responsabbiltà editorjali ma timplikax neċessarjament kwalunkwe responsabbiltà legali skont il-liġi nazzjonali għall-kontenut jew is-servizzi pprovduti.

“network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi” tfisser sistemi ta' trażmissjoni, kemm jekk ibbażati fuq infrastruttura permanenti jew kapaċità amministrattiva ċentralizzata kif ukoll jekk le, u, fejn applikabbli, tagħmir ta' kommutazzjoni jew ta' routing u riżorsi oħra, inklużi elementi tan-network li mhumiex attivi, li jippermettu t-twassil ta' sinjali bil-wajer, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew elettromanjetiċi oħra, inklużi networks satellitari, networks fissi (b'kommutazzjoni b'ċirkwit u b'pakkett, inkluż l-internet) u mobbli, sistemi ta' kejbil tal-elettriku, sal-punt li jintużaw għall-fini ta' trażmissjoni tas-sinjali, networks użati għax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni, u networks tat-televiżjoni bil-kejbil, irrISPettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla.

“Lingwa tas-Sinjali Irlandiża” tfisser l-lingwa naturali indiġena tal-komunità nieqsa mis-smiġh fl-Irlanda. Hija lingwa viżiva u spazjali tal-idejn iżda wkoll tal-wiċċ u tal-ġisem. Il-Lingwa tas-Sinjali Irlandiża għandha l-istrutturi lingwistiċi, ir-regoli u l-karatteristiċi kumplessi tagħha stess.

“fornitur ta' servizzi tal-media” tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-responsabbiltà editorjali għall-għażla tal-kontenut awdjoviżiv tas-servizz tal-media awdjoviżiva u tiddetermina l-mod li bih huwa organizzat.

“tqegħid ta' prodott” tfisser kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva li tikkonsisti fl-inklużjoni ta', jew referenza għal, prodott, servizz jew il-marka



kummerċjali tagħhom sabiex dan jidher fi programm jew vidjo ġġenerat mill-utenti bi ħlas jew għal korrispettiv simili.

“programm” tfisser sett ta' immaġnijiet li jiċċaqalqu bil-ħoss jew mingħajru li jikkostitwixxi oġġett individwali, irrispettivament mit-tul tiegħu, fi skeda jew katalogu stabbilit minn fornitur tas-servizzi tal-media, inklużi films ta' tul normali, filmati, avvenimenti sportivi, kummiedji sitwazzjonali, dokumentarji, programmi tat-tfal u drama oriġinali.

“Lingwa tas-Sinjali” tfisser il-lingwa naturali indiġena tal-komunità nieqsa mis-smiġħ. Hija lingwa viżiva u spazjali tal-idejn iżda wkoll tal-wiċċ u tal-ġisem. Il-Lingwa tas-Sinjali għandha l-istrutturi lingwistiċi, ir-regoli u l-karatteristiċi kumplessi tagħha stess.

“sponsorizzazzjoni” tfisser kwalunkwe kontribut magħmul minn impriża pubbliċi jew privati jew persuni fiżiċi li mhumex involuti fil-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jew servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jew fil-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi għall-finanzjament ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, vidjos maħluqa mill-utenti jew programmi bil-ħsieb li jippromwovu isimhom, it-trademark, l-immaġni, l-attivitajiet jew il-prodotti tagħhom.

“komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi bil-moħbi” tfisser ir-rappreżentazzjoni fi kliem jew stampi ta' oġġetti, servizzi, l-isem, it-trademark jew l-attivitajiet ta' produttur ta' oġġetti jew fornitur ta' servizzi fi programmi meta tali rappreżentazzjoni tkun maħsuba mill-fornitur ta' servizzi tal-media sabiex isservi bħala reklamar u tista' tqarraq bil-pubbliku dwar in-natura tagħha. Tali rappreżentazzjoni għandha, b'mod partikolari, titqies bħala intenzjonata jekk issir bi ħlas jew għal korrispettiv simili.

“tekniki subliminali” tfisser komunikazzjonijiet kummerċjali li jinkludu kwalunkwe apparat tekniku, li, bl-użu ta' immaġnijiet ta' durata qasira ħafna jew bi kwalunkwe mezz ieħor, jisfrutta l-possibbiltà li jwassal messaġġ lil, jew inkella jinfluwenza l-imħuħ ta', membri ta' udjenza mingħajr ma jkunu konxji jew konxji bis-sħiħ ta' dak li jkun sar.

“sottotitoli” tfisser test fuq l-iskrin li jirrappreżenta dak li qed jingħad fuq l-iskrin. Is-sottotitoli jistgħu jkunu miftuħa jew magħluqa. Is-sottotitoli miftuħa huma sottotitoli li jibqgħu fuq l-iskrin f'kull ħin. Is-sottotitoli magħluqa jistgħu jsiru viżibbli jew mhux viżibbli skont kif jixtiequ l-udjenzi, bl-użu, pereżempju, ta' remote control. Is-sottotitoli huma fformattati sabiex jassistu l-interpretazzjoni u l-fehim tat-test u jorbtu b'mod aktar preċiż mal-azzjoni fuq l-iskrin.



Dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tas-Servizzi tal-Media

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin isiru skont it-Taqsima 46N(1) u t-Taqsima 46N(5) tal-Att.

11 Kontenut ta' Ħsara

- 11.1 Skont it-Taqsima 46J(1)(c) u (d) tal-Att, il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jagħmlu disponibbli f'katalogu tas-servizz:
- (a) kwalunkwe ħaġa li tista' raġonevolment titqies bħala mġiba li taqa' taħt il-kunċett ta' provokazzjoni pubblika biex jitwettaq reat terroristiku kif stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2017/541;
 - (b) kwalunkwe ħaġa li tista' raġonevolment titqies li tista' tinċita għall-vjolenza jew għall-mibegħda kontra grupp ta' persuni, jew membru ta' grupp, abbażi ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta,³ jiġifieri sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orientazzjoni sesswali. In-nazzjonalità tikkostitwixxi tali raġuni mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- 11.2 Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 11.1, il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni lill-udjenzi dwar il-kontenut li jista' jfixxkel l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tat-tfal. Il-fornitur tas-servizzi tal-media għandu juża sistema li tiddekrivi n-natura potenzjalment dannuża tal-kontenut tas-servizz tal-media awdjoviżiva fuq talba tiegħu.
- 11.3 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-programmi li fihom kontenut li jista' jfixxkel l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tat-tfal, inkluż, iżda mhux biss:
- (a) kontenut li jikkonsisti f'pornografija,
 - (b) kontenut li jikkonsisti fi vjolenza gratwita, huma disponibbli biss b'tali mod li jiġi żgurat li t-tfal normalment ma jismgħuhomx jew ma jarawhomx.
- 11.4 Miżuri xierqa għall-fini tat-Taqsima 11.3 jistgħu jinvolvu l-użu minn fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba ta' uħud mill-mekkaniżmi ta' protezzjoni li ġejjin jew kollha kemm huma:
- l-użu ta' twissijiet minn qabel dwar il-kontenut.

³ Dan jinkludi iżda mhux limitat għal membri tal-Komunità tal-Vjaġġaturi u l-Komunitajiet tar-Roma.



- il-forniment ta' kontrolli mill-ġenituri, inklużi modalitajiet ristretti u Aċċess bil-PIN.
 - għodod għall-assigurazzjoni tal-eż.⁴
 - sistemi ta' aċċess għall-kont eż. fejn il-kontenut huwa aċċessibbli biss permezz ta' karta ta' kreditu jew mekkaniżmi oħra ta' reġistrazzjoni.
 - miżuri tekniċi oħra li jiksibu riżultat ekwivalenti għal dak li ntqal hawn fuq.
- 11.5 Miżuri xierqa għall-fini tat-Taqsima 11.3 għandhom ikunu proporzjonati għall-ħsara potenzjali tal-programm għat-tfal. F'dan ir-rigward, il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom iqisu l-potenzjal tal-materjal li jagħmel ħsara lit-tfal meta jiddeterminaw l-approċċ proporzjonat li għandu jittieħed. Il-fatturi li għandhom jitqiesu jinkludu: -
- i. Il-grad probabbli ta' ħsara potenzjalment ikkawżata mill-kontenut tal-programm.
 - ii. Il-probabbiltà li t-tfal jaċċessaw il-kontenut.
 - iii. In-natura tas-servizz fuq talba u l-udjenza probabbli tiegħu.
- 11.6 Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tat-Taqsimiet 11.3, 11.4 u 11.5, l-aktar kontenut ta' ħsara, jiġifieri l-vjolenza u l-pornografija gratwiti, għandu jkun soġġett għall-aktar miżuri stretti.
- 11.7 Id-data personali tat-tfal miġbura jew iġġenerata b'xi mod ieħor mill-fornituri tas-servizzi tal-media skont it-Taqsimiet 11.3, 11.4 jew 11.6 ma għandhiex tiġi pproċessata għal finijiet kummerċjali, bħall-kummerċjalizzazzjoni diretta, it-tfassil ta' profili u r-reklamar immirat lejn l-imġiba.

12 Drittijiet għal Xogħlijiet Ċinematografiċi

- 12.1 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jittrażmettu xogħlijiet ċinematografiċi barra mill-perjodi miftiehma mad-detenturi tad-drittijiet.

13 Komunikazzjonijiet Kummerċjali Awdjoviżivi:

- 13.1 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jipprovdu għandhom ikunu rikonoxxibbli faċilment bħala tali.

⁴ Miżura ta' assicurazzjoni tal-eż bbażata biss fuq awtodikjarazzjoni tal-eż mill-utenti tas-servizz ma għandhiex tkun forma effettiva ta' assicurazzjoni tal-eż għall-fini ta' dan il-Kodiċi u r-Regoli.



- 13.2 Il-fornituri ta' servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jinkludu fi jew flimkien ma' programmi kwalunkwe komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi jew komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jużaw tekniki subliminali.
- 13.3 Il-fornituri ta' servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jipprovdu komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li huma ta' ħsara għall-pubbliku ġenerali, jiġifieri: -
- i. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jippreġudikaw ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem,
 - ii. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jinkludu jew jippromwovu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq: is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, in-nazzjonalità, ir-reliġjon jew it-tweġmin, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali.
 - iii. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jinkoraġġixxu mgħiba li tippreġudika s-saħħa jew is-sigurtà,
 - iv. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jinkoraġġixxu mgħiba li tippreġudika ħafna l-protezzjoni tal-ambjent,
 - v. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għas-sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk, kif ukoll għas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika,
 - vi. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jinkoraġġixxu konsum immoderat ta' xorb alkoħoliku,
 - vii. komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva għal prodotti mediċinali u trattament mediku disponibbli biss b'riċetta tat-tabib fl-Istat,
- 13.4 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jipprovdu komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jagħmlu ħsara lit-tfal, jiġifieri:
- i. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jħeġġu direttament lit-tfal sabiex jixtru jew jikru prodott jew servizz billi jisfruttaw in-nuqqas ta' esperjenza jew il-kredulità tagħhom.
 - ii. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jinkoraġġixxu direttament lit-tfal sabiex jipperswadu lill-ġenituri tagħhom jew lil oħrajn sabiex jixtru l-prodotti jew is-servizzi li qed jiġu rreklamati.
 - iii. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jisfruttaw il-fiduċja speċjali tat-tfal fil-ġenituri, l-għalliema jew persuni oħra.
 - iv. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li juru b'mod mhux raġonevoli lit-tfal f'sitwazzjonijiet perikolużi.



- v. komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għax-xorb alkoħoliku mmirati speċifikament għat-tfal.
- 13.5 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għax-xorb alkoħoliku li jipprovdu, bl-eċċezzjoni tal-isponsorizzazzjoni u l-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali, jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:
- i. il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi ma għandhomx ikunu mmirati speċifikament lejn il-minorenni jew, b'mod partikolari, juru lill-minorenni li jikkunsmaw dan ix-xorb.
 - ii. il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi m'għandhomx jorbtu l-konsum tal-alkoħol ma' prestazzjoni fiżika mtejbja jew mas-sewqan.
 - iii. il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi m'għandhomx joħolqu l-impressjoni li l-konsum tal-alkoħol jikkontribwixxi għas-suċċess soċjali jew sesswali.
 - iv. il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi ma għandhomx jiddikjaraw li l-alkoħol għandu kwalitajiet terapewtiċi jew li huwa stimulant, sedattiv jew mezz biex jiġu solvuti kunflitti personali.
 - v. il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi ma għandhomx jinkoraġġixxu konsum immoderat tal-alkoħol jew jippreżentaw astinenza jew moderazzjoni f'dawl negattiv.
 - vi. il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi ma għandhomx jagħmlu enfasi fuq kontenut alkoħoliku għoli bħala kwalità pożittiva tax-xorb.

14 Sponsorizzazzjoni

- 14.1 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba jew programmi sponsorjati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:
- i. il-kontenut tas-servizzi jew tal-programmi fuq talba li jipprovdu ma għandu fl-ebda ċirkostanza jiġi influwenzat b'tali mod li jaffettwa r-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizzi tal-media.
 - ii. is-servizzi jew il-programmi fuq talba li jipprovdu ma għandhomx jinkoraġġixxu direttament ix-xiri jew il-kiri ta' oġġetti jew servizzi, b'mod partikolari billi jagħmlu referenzi promozzjonali speċjali għal daww l-oġġetti jew servizzi.
 - iii. l-udjenzi għandhom jiġu infurmati b'mod ċar bl-eżistenza ta' ftehim ta' sponsorizzazzjoni.
 - iv. programmi sponsorizzati għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali mill-isem, il-logo u/jew kwalunkwe simbolu ieħor tal-isponsor bħal referenza għall-



prodott(i) jew is-servizz(i) tiegħu jew sinjal distintiv tiegħu b'mod xieraq għal programmi fil-bidu, matul u/jew fit-tmiem tal-programmi.

- 14.2 Il-fornituri ta' servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jippermettu li servizzi fuq talba jew programmi li jipprovdu jiġu sponsorjati minn imprints li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk, kif ukoll sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika.
- 14.3 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jippermettu servizzi fuq talba jew programmi li jipprovdu biex jipromwovu prodotti mediċinali speċifiċi jew trattamenti mediċi disponibbli biss b'riċetta tat-tabib fl-Istat.
- 14.4 Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 14.3, il-fornituri ta' servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba jistgħu jippermettu li servizzi fuq talba jew programmi li jipprovdu jiġu promossi bl-isem jew l-immaġni ta' imprints li l-attivitàjiet tagħhom jinkludu l-manifattura jew il-bejgħ ta' prodotti mediċinali u trattament mediku.
- 14.5 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba ma għandhomx jippermettu l-isponsorizzazzjoni tal-programmi tal-aħbarijiet u tal-ġrajjet kurrenti li jipprovdu.
- 14.6 Il-fornituri tas-servizzi fuq talba ma għandhomx jippermettu l-wiri ta' logo ta' sponsorizzazzjoni matul dokumentarji jew programmi reliġjużi li jipprovdu.

15 Inklużjoni ta' Prodott

- 15.1 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jippermettu l-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali f'servizzi fuq talba li jipprovdu, ħliet għal programmi ta' aħbarijiet u ġrajjet kurrenti, programmi dwar affarijiet tal-konsumatur, programmi reliġjużi u programmi tat-tfal.
- 15.2 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jiżguraw li l-programmi li fihom l-inklużjoni ta' prodotti kummerċjali jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:
- il-kontenut u l-organizzazzjoni ta' tali programmi f'katalogu fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jiġu influwenzati b'tali mod li jaffettwaw ir-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizzi tal-media.
 - huma ma għandhomx jinkoraġġixxu direttament ix-xiri jew il-kiri ta' oġġetti jew servizzi, b'mod partikolari billi jagħmlu referenzi promozzjonali speċjali għal dawk il-prodotti jew servizzi.
 - ma għandhomx jagħtu prominenza żejda lill-prodott inkwistjoni.
 - l-udjenzi għandhom jiġu infurmati b'mod ċar bl-eżistenza tal-inklużjoni ta' prodott permezz ta' identifikazzjoni xierqa fil-bidu u fit-tmiem tal-programm, u meta programm jerġa' jibda wara waqfa fir-reklamar, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni min-naħa tat-tele spettatur.



It-Taqsima 15.2. iv. ta' hawn fuq għandha tapplika biss għal programmi li ġew prodotti jew ikkummissjonati mill-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi on-demand jew minn kumpanija affiljata magħhom.

15.3 Mingħajr preġudizzju għat-Taqsimiet 15.1 u 15.2, il-programmi ma għandux ikun fihom inklużjoni ta' prodotti li huma: -

- i. sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk, kif ukoll sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika, jew inklużjoni ta' prodott minn impriża li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' daww il-prodotti.
- ii. prodotti mediċinali speċifiċi jew trattamenti mediċi disponibbli biss b'riċetta tat-tabib fl-Istat.

15.4 It-Taqsimiet 15.1, 15.2, u 15.3 għandhom japplikaw biss għall-programmi prodotti wara d-19 ta' Diċembru 2009.



Dispożizzjonijiet tar-Regoli dwar is-Servizzi tal-Media

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin isiru skont it-Taqsima 46O(1) (5) (6) (7) u (9) tal-Att.

16 Aċċessibbiltà ta' servizzi awdjoviżivi fuq talba

- 16.1 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jieħdu miżuri proporzjonati biex jiżguraw li l-programmi magħmula disponibbli fuq is-servizzi fuq talba tagħhom isiru kontinwament u progressivament aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità permezz tal-forniment ta' servizzi ta' aċċess kif definit f'dan il-Kodiċi u r-Regoli.

Pjan ta' Azzjoni dwar l-Aċċessibbiltà

- 16.2 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jiżviluppaw pjan ta' azzjoni dwar l-aċċessibbiltà, li għandu jiġi miftiehem mal-Kummissjoni, fir-rigward tal-obbligu stabbilit fit-Taqsima 16.1.
- 16.3 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-ewwel pjan ta' azzjoni tagħhom dwar l-aċċessibbiltà fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan il-Kodiċi u r-Regoli u kull sena minn hemm 'il quddiem.
- 16.4 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom, fl-iżvilupp tal-ewwel pjan ta' azzjoni tagħhom u dak sussegwenti tagħhom dwar l-aċċessibbiltà juru li huma qiesu kif xieraq il-fatturi ta' influwenza stabbiliti fit-Taqsima 16.6.
- 16.5 Il-pjan ta' azzjoni dwar l-aċċessibbiltà li għandu jiġi żviluppat u miftiehem mal-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligu stabbilit fit-Taqsima 16.1 għandu jindirizza dan li ġej: -
- i. Il-proporzjon ta' servizzi ta' aċċess li l-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba jipproponi li jagħmel disponibbli kull sena fuq is-servizz(i) fuq talba li jipprovdi.
 - ii. Il-miżuri li jridu jittieħdu biex jaderixxi mal-istandards ta' kwalità żviluppati mill-Kummissjoni wara t-Taqsima 16.7.
 - iii. Proposti fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni ta' emerġenza skont it-Taqsima 16.8.
 - iv. Il-mod li bih il-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba se jippromwovi servizzi ta' aċċess magħmula disponibbli fuq is-servizz(i) fuq talba li jipprovdi.
 - v. Proposti għal konsultazzjoni mal-utenti ta' servizzi ta' aċċess, inklużi Organizzazzjonijiet ta' Rappreżentazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità, dwar il-



forniment mill-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi ta' aċċess fuq is-servizz(i) tal-media fuq talba li jipprovdi.

- vi. Proposti fir-rigward tal-iżgurar li jkun hemm mekkaniżmu aċċessibbli għat-trattament ta' lmenti u mistoqsijiet minn udjenzi fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' aċċess.
- vii. Proposti mill-fornitur tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi ta' aċċess tagħhom u jiġi mmonitorjat is-servizz tagħhom biex jiġi żgurat li l-istandards tal-kwalità jintlaħqu b'mod konsistenti.

Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bil-pjan ta' azzjoni annwali tagħhom dwar l-aċċessibbiltà f'format aċċessibbli u xieraq għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Fatturi ta' Influenza

- 16.6 Fid-determinazzjoni tal-miżuri proporzjonati li għandhom jittieħdu b'segwitu għat-Taqsima 16.1 u speċifikati fil-pjan ta' azzjoni annwali tagħhom dwar l-aċċessibbiltà, il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom juru li nġatad l-attenzjoni dovuta lill-fatturi ta' influenza li ġejjin,⁵ jiġifieri: -

- i. In-natura tal-fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u s-servizzi pprovduti.
- ii. L-istadju tal-iżvilupp tal-fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u l-kapaċità tiegħu li jipprovdi programmi aċċessibbli.
- iii. Il-livell ta' forniment attwali ta' servizzi ta' aċċess magħmula disponibbli mill-fornitur tas-servizzi tal-media fuq is-servizzi fuq talba li pprova.
- iv. It-tip ta' programmi pprovduti fil-katalogu tas-servizzi fuq talba ipprovduti mill-fornitur tas-servizzi tal-media.
- v. Il-kost tar-riżorsi tekniċi u umani għall-fornitur tas-servizzi tal-media biex jipprovdi servizzi ta' aċċess.
- vi. Il-kapaċità teknika tal-fornitur tas-servizzi tal-media li jipprovdi servizzi ta' aċċess fuq is-servizzi fuq talba li jipprovdi.

Standards ta' Kwalità

- 16.7 Il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jaderixxu ma' standards ta' kwalità, sa fejn ikun prattikabbli li jsir dan, għall-forniment ta' servizzi ta' aċċess applikati mill-Kummissjoni u żviluppata wara konsultazzjoni mal-fornituri tas-servizzi tal-media u pubbliċi ta' servizzi fuq talba.

Informazzjoni ta' Emerġenza

⁵ Gwida mhux vinkolanti fir-rigward ta' dawn il-fatturi ta' influenza ġiet żviluppata mill-Kummissjoni u tista' tiġi aċċessata fuq <https://cnam.ie>



- 16.8 Meta servizz fuq talba jittrażmetti informazzjoni ta' emerġenza, inklużi komunikazzjonijiet u avviżi pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' diżastri naturali, il-fornitur ta' dak is-servizz għandu jiżgura li din l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mod li jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Rapportar

- 16.9 Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligu ta' rapportar tagħha stabbilit skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni, b'mod li għandu jiġi speċifikat aktar, dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel pjanijiet ta' azzjoni annwali dwar l-aċċessibbiltà maqbula mal-Kummissjoni u dawk sussegwenti.



Gwida

Fatturi ta' Influenza

It-Taqsima 16 tal-“Kodiċi tas-Servizzi tal-Media u r-Regoli dwar is-Servizzi tal-Media - Fornituri tas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva Fuq Talba” tal-Coimisiún na Meán tiddikjara li fid-determinazzjoni tal-miżuri proporzjonati li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-programmi magħmula disponibbli fuq is-servizzi fuq talba tagħhom isiru kontinwament u progressivament aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, il-fornituri tas-servizzi tal-media ta' servizzi fuq talba għandhom, fl-iżvilupp tal-ewwel pjan ta' azzjoni tagħhom u dak sussegwenti dwar l-aċċessibbiltà, juru li kellhom kunsiderazzjoni xierqa għall-fatturi ta' influenza stabbiliti fit-Taqsima 16.6 tar-Regoli. Dan id-dokument jipprovdi aktar gwida f'dan ir-rigward.

i. In-natura tal-fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u s-servizzi pprovduti.

Gwida: Is-servizz(i) għandhom karattru ta' servizz pubbliku jew privat? Is-servizz jirċievi flejjes pubbliċi u b'riżultat ta' dan jista' jkollu dmirijiet akbar ta' servizz pubbliku? Is-servizz għandu għanijiet speċifiċi, kulturali, soċjali jew lingwistiċi, li jista' jkollhom impatt fuq il-kapaċità tiegħu li jipprovdi servizzi aċċessibbli?

ii. L-istadju tal-iżvilupp tal-fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u l-kapaċità tiegħu li jipprovdi programmi aċċessibbli.

Gwida: Kemm ilu jopera is-servizz(i)? Kemm għandu esperjenza l-fornitur tas-servizzi tal-media biex jipprovdi servizzi ta' aċċess? Diġà hemm livell ta' għarfien espert fi ħdan il-fornitur tas-servizzi tal-media jew disponibbli għalih fil-forniment tas-servizzi tal-aċċess? X'inhu s-sehem tagħhom mis-suq?

iii. Il-livell ta' forniment attwali ta' servizzi ta' aċċess.

Gwida: X'inhu l-punt tat-tluq tagħhom? Kemm huma disponibbli bħalissa sottotitoli, didaskalija, il-lingwa tas-sinjali jew deskrezzjoni bl-awdjo fuq is-servizzi fuq talba li jipprovdu?

iv. It-tip ta' programmi pprovduti fil-katalgu tas-servizz(i) tal-media awdjoviżiva fuq talba.

Gwida: Is-servizz(i) jakkwistaw ħafna kontenut mingħand partijiet terzi? Is-servizz kemm jipprovdi programmar prodott mid-dar? L-ipprogrammar jiġi prodott b'mod indipendenti? Dawn il-mistoqsijiet huma rilevanti, peress li t-tip ta' programmazzjoni fil-katalgu għandu influenza fuq il-kost, il-faċilitajiet tekniċi, il-persunal u l-kapaċità li jiġu pprovduti servizzi ta' aċċess.

v. Il-kost tar-riżorsi tekniċi u umani għall-fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba ta' servizzi ta' aċċess.



Gwida: X'inhi l-kapaċità finanzjarja tal-fornitur tas-servizzi tal-media u l-impatti finanzjarji probabbli tal-forniment ta' servizzi ta' aċċess?

vi. Il-kapaċità teknika tal-fornitur ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba.

Gwida: Liema faċilitajiet u għarfien espert jeżistu bħalissa fi ħdan is-servizz biex jiġu pprovduti servizzi ta' aċċess? Is-servizz għandu l-kapaċità teknika biex jipprovdi servizzi ta' aċċess? X'livell u tip ta' faċilitajiet tekniċi u għarfien espert ikunu meħtieġa?

